# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Diane Vella )

Vs

Owen Mallia

Illum 7 ta' April, 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Owen Mallia bin Alfred u Catherine nee' Grima imwieled fil-06/07/1983 u joqghod East End Crt Blk B, Fl 6, Triq il-Fortizza tal-Grazzja, Zabbar ID 0338083M.

Billi int akkuzat talli fit-8 ta' Ottubru, 2021 ghall-habta ta' 17.40 hrs fi Triq Fleur De Lys, Birkirkara soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni GCA974;

1. B'manjiera traskurata;
2. U talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;
3. U talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont;

4. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, hbatt ma' vettura nru: DCG057 u involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta' Mario Bugeja.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikolu 328 ( d)tal-Kap 9 u art 15(1)( a) (2) (3)tal-Kap 65 fil-L.S. 65.18Art 36(B) u fil-LS65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat ix-xhieda tal-imputat.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**PS243 Daniela Healey u t-Tabiba Francesca Spiteri** xehdu permezz ta` affidavit

**<u>Norbert Galdes,</u>** xehed hekk:

Pros: Inti kont prezenti f`incident sinjur?

Xhud: Sorry?

Pros: Kont prezenti f`incident sinjur?

Xhud: Iva kont qed insuq warajh.

Pros; Tista tispjega l-Qorti meta fejn u d-dinamika ta l-incident jekk jogghbok?

Xhud: Ok il-hin ma niftakarrx imma kien fil-ghaxija wara li tlaqt mix-xoghol igifieri war l-4 zgur ma niftakarx il-hin.

Qorti: Kien id-dawl jew le?

Xhud: Kienu ghadu id-dawl iva il-post kien Fleur De Lys ftit qabel hemm Petrol station jisimha Joanne Pit Stop ghandikun jien kont qed insuq wara l-karozza.

Qorti: Fleur De Lys fejn hemm Petrol Station?

Xhud: Emm faccata tat-triq jisimha ma triq Borg

Qorti: Ma nafx fejn hi Joanne`s Petrol Station ghandna sketch?

Xhud: Hemm hanut jismu Stuziko fil-kantuniera ezatt jekk tghin.

Qorti: Iva mela inti kont wara karozza ohra qed tghidli?

Xhud: Iva indunajt  beda jdur lejn triq Borg.

Qorti: Issa biex idur lejn triq Borg he went to his left or to his right?

Xhud: To his right u jaqsam it-traffiku li gej minn naha l-ohra

Qorti: Orajt,

Xhud: Ezatt kif beda jdur dahal go fih wiehed bil-mutur.

Qorti: Issa il-mutur minn fejn kien gej minn faccata jew minn warajk?

Xhud: Kien gej minn Birkirkara minn faccata.

Qorti: Minn faccata I see u l-mutur kien fil-karreggata tieghu?

Xhud: Iva.

Qorti: Ok umbaghad x`gara?

Xhud: Umbaghad jien waqaft biex nistax naghti assistenza ma nafx x`iktar trid tkun taf?

Qorti: Xi haga ohra Spett?

Pros: Le m`ghandix iktar mistoqsijiet.

Avukat: Jekk jogghbok inti kont qed issuq fuq wara l-imputat tiftakkru inti l-imputat?

Xhud: Le ma niftakrux.

Avukat: Il-karozza ta` quddiemek allura u it-traffiku ingenerali kif kienu miexjin igifieri was it a traffic jam miexjin bi speed normali bi speed eccellerat kif kien il-flow?

Xhud: Traffic jam ma kienx kien pjuttost sew ma niftakarx kien hemm`x karozzi ohrajn quddiemu frankament ma kontx qed naghti kaz sakemm sehh l-incident.

Avukat: Igifieri kulhadd jiccaqlaq bilmod jew kulhadd isuq bilmod?

Xhud: Kulhadd isuq bilmod mhux qisu iggamjati jew iktar bilmod min-normal.

Avukat: Tajjeb il-karozza ta` quddiemek inti meta inti taf l-akkwata sewwa ghax

Xhud: Naghddi minn hemm kuljum.

Avukat: Skuzi?

Xhud: Naghddi minn hemm kuljum.

Avukat: Taghddi minn hemm kuljum ghax jiena kelli inhares biex insegwi dak li qed tghid inti, mela dik it-triq naqblu li hija triq li tista tinzel minnha igifieri mhijiex one way?

Xhud: Le il-karozza tista tinzel.

Avukat: Il-karozza ta` quddiemek dak il-hin xeghelet l-indicator?

Xhud: Ma niftakarx.

Avukat: Jekk nissugerilek illi xeghlet l-indicator?

Xhud: Ma nistax nghid one way or the other.

Avukat: Mela il-karozza ta` quddiem sa fejn lahqet daret ghall go din it-triq?

Xhud: Ma dahlitx fit-triq kif gie broad side it-traffiku gej faccata Dahal go fih tal-mutur sew kien ghadu ma qabatx it-triq li tinfed minnha.

Avukat: Inti uzajt il-kelma broad side jigifieri nghid sew illi is-sewwieq il-karozza kienet bla ebda dubju lahqet daret?

Xhud: Skond xi tfisser b`daret? Kien beda jdur zgur,

Avukat: Skuzi?

Xhud: Kien beda jdur zgur.

Avukat: Tiftakar il-point of impact meta hrigt jew?

Xhud: Le ghax il waqaf iktar l-isfel fit-triq li kien diehel fiha sew u ma tajtx kaz il-karozza tieghu.

Avukat: Il-velocita tal-karozza issa kienet wahda kienet manuvra eccelerata kienet manuvra jew kienet manuvra f`postha il-waqt taghha?

Xhud: Ma nistax nghid qabel dahal go fih litteralment ma kontx qed naghti kaz.

Avukat: Ma tiftakarx il-mutur jekk kienx gej bi speed qawwi?

Xhud: Again ma nistax nghid ma kontx aware tat-traffiku li gej minn faccata ghax jien ma kontx se ndur.

Avukat: Xejn aktar.

**U hekk**

Pros: Sinjur inti kont involut f'xi incident?

Xhud: Le rajtu jseħħ.

Pros: Ehe u x`rajt u meta kien meta gara?

Xhud: Ma niftakarx meta ġara ilu xi sentejn jew tliet snin.

Pros: U l-post fejn ġara l-inċident tiftakru?

Xhud: Post B`Kara Triq Fleur De Lys kif iddur fuq triq jisimha Censu Borg għandu jkun quddiem petrol station, rajt l-karozza li kienet wieqfa quddiemi daret u ezatt kif daret baqa' dieħel ġo fija mutur, ezatt kif dar, kif bdiet iddur il-karozza baqa' dieħel ġo mutur.

Qorti: X`karozza hi?

Xhud: Ma niftakarx x`karozza hi.

Qorti: X`rajt sinjur ezatt erga ghidli?

Xhud: Jien rajt karozza kienet ħa ddur minn fuq triq Fleur De Lys għal ġo side street u eżatt kif bdiet iddur daħal ġo fija mutur.

Qorti: Il-minn min kien qed isuq xiex taf int?

Xhud: Wara sirt naf għax iltqajt magħhom hawn barra imma dak il-ħin minn dak iż-żmien ma niftakarx.

Qorti: Orajt jekk taf ghax rajthom hawn?

Xhud: Iva.

Qorti: Xi haga minghand ix-xhud?

Avu: Xejn xejn.

**<u>David Abdilla, xehed hekk:</u>**

Pros: Mela kif l-involviment tiegħek inti?

Xhud: Jien gie Mario Bugeja.

Qorti: Mario Bugeja min hu, qed tarah fl-awla?

Xhud: Iwa, dak.

Qorti: Mela ix=xhud indika lil imputat Mario Bugeja.

Xhud: U talabni kwotazzjoni tal-hsara li kellu u ghamiltielu.

Pros: Ghandek kopja fuqek?

Xhud: Dik hi nivverfika li dik hi.

Qorti: Nota jekk mhix hawn dik għalija mhux aċċettabbli li biha sinjura xorta mhux aċċettabbli mela dik xi ħaġa ġġib hawn, ghandek xi haga hawn?

Xhud: L-originali tajtha lilhom.

Qorti: Probabbli f`ta` Owen Mallia ha tkun. Mela qeghda f`ta Owen Mallia naghmluha DOK B, Ħa ngħidu li aħna naċċettawh mexxi. Ghax dak fotokopja mhux originali.

Xhud: Li nista nghidlek li din il-kwotazzjoni jien ghamiltha imma xoghol fuq il-karozza qatt ma ghamilt.

Qorti: Xi haga mingħand is-sinjur jista' jmur.

**John Lentini, xehed hekk :**

Qorti: Inti qieghed hawn rappreżentanza ta' min please?

Xhud: Tal-Mapfre Middlesea.

Qorti: Thank you mela ħa tixhed rigwardanti?

Xhud: Mela nixhed fuq l-klijent tagħna Bugeja Mario Fejn kien involute fit-traffic accident meta kien qed Isuq il-vettura nxurjata magħna DCG 057 infurmana li kellu nċident fit-8 t'Ottubru 2021 ma vettura ma' mutur numru GCA 974, aħna għamilna tajjeb għall-ħsarat u d-danni li ikkawża fl-inċident il-klijent tagħna u issetiljajna kollox, mal-avukat. Ta' Owen Mallia u miegħu stess.

Qorti: Kontro-eżami?

Avu: Xejn. Thank you.

**<u>Owen Mallia,</u>** xehed hekk:

Xhud: Iva nahlef, mela jien kont għaddej minn triq Fleur De Lys direzzjoni Hal-Qormi.

Qorti: Fleur De Lys fejn sinjur?

Xhud: Triq Fleur De Lys direzzjoni Hal-Qormi.

Qorti: Data?

Xhud: 8 ta` Ottubru 2021, kif ghaddej f`din it-triq minn faċċata tiegħi karozza ġejja mill-oppost tiegħi kisritli għal ġo Triq Borg distanza qasira u bqajt dieħel ġo fiha ovvja ghalqitli triqti.

Qorti: Inti xi gralek sinjur konsegwenza?

Xhud: Hafna ksur go idejja u ugiegh go saqajja ugiegh go dahri u go ghonqi ghamilt 2 operazzjonijiet wahda minnhom ġiet imħallsa mill-Middlesea.

Qorti: Issa inti bqajt issofri konsegwenza?

Xhud: U zgur ghadni sall-llum insofri.

Qorti: Imma kif jekk jogghbok?

Xhud: Ix-Xogħol li kont nagħmel qabel ma nistax nagħmlu llum.

Qorti: Fiżikament x'għamilt id-differenza?

Xhud: Ma nistax ngħid li kont nerfa jien xogħli nerfa. Jien self employed xogħli bil-lifters tal-għamara issa ċertu xogħol li qabel kont nagħmel u ma nistax naċċettah jien għax ma nistgħux nieqfu ċertu piż.

Pros; Inti il-persuna tarafha hawnekk?

Xhud: Iva hemmekk.

Qorti: Ix-xhud indika lil imputat mario Bugeja.

Avu: Kontro Ezami, sinjur inti hemmhekk dik it-triq tiftakar kemm il-karreġġjata hemm lanes kemm lanes fit-triq?

Xhud: Wahda il-gewwa u wahda il-barra.

Avu: Issa l-linja hija wahda kontinwa jiġifieri jew shiha?

Xhud: Ma nahsibx li hija kontinwa le, jista jaqsam pero ovvjament trid tara jekk hux gejjin karozzi mhux taqbad tikser.

Avu: Issa inti tiftakar sew l-inċident ovvjament?

Xhud: U zgur li niftakar.

Avu: Karozza quddiemek inti ngħid sew illi kien hemm karozza quddiemek kien hemm karozza quddiemek?

Xhud: Iva mela.

Xhud: Iva kien hemm bejn 100 u 150m bejni u bejna.

Avu: Issa nghid sew li l-karozza ta` quddiemek waqfet biex tħalli lil Mario Bugeja jaqsam?

Xhud: Le ovvjament le u kieku bqajt diehel go fiha mhux go Mario.

Avu: Jekk nissugerilek li din waqfet u Bugeja qasam u hemmekk inti bqajt issuq xi tghid?

Xhud: Għaddejt minn ġo karozza li kienet wieqfa, jiġifieri jien għaddejt minn ġo fiha kif qed tgħid int imbagħad ġejt ġo Mario u l-Middlesea kien ħa jaċċettaw it-tort u jħallsuni naħseb inti lili tal-elaborazzjonijiet li tawni somma u ħallsu lill-mutur hekk taħseb inti jiġifieri.

Avu: Jien nistaqsi lilek inti trid twieġeb, wieġeb id-domanda ili nsaqsijielek wieġeb iva jew le kien hemm karozza quddiemek?

Qorti: Qed jgħidlek waqfet biex iċċedielu u ilna flok ma waqaft magħha l-ieħor biex iċċedi għamiltu speċi ta' over taking jew paralell driving u bqajt ghaddej għalhekk laqtek?

Xhud: Ma kienx il-każ le.

Avu: Ma kienx il-kaz jigifieri karozza quddiemek ma kienx hemm?

Xhud: Le.

Qorti: Le qallek kien hemm kienet 100 jew 150m il-quddiemu. Jiġifieri inti qed tgħid li Mario ħareġ minn wara dil-vettura li baqgħet għaddejja.

Xhud: Ezatt Mario fl-ebda hin ma waqaf tajjeb ma kienx għaddej bi speed eċċessiv pero kif appena qabżet dil-karozza lili rani pero Mario zid il-gass biex jaghddi għal ġo triq ha ċans lagħab karta Mario.

Avu: U inti smajtu x-xhud li xehed qabel l-ewwel wieħed u qal illi kien hemm vettura qasmet u tal-mutur daħal ġo fiha hekk qal, issa fejn kien il-point of impact fil-karozza ta' Bugeja?

Xhud: Fil-bieba ta' wara u l-mudguard ta' wara tal-karozza.

Avu: Allura, Bugeja kien kważi sfortunatament mhux kollu kważi għadda?

Xhud: Ma kienx.

Avu: Għax la kien fuq il-parti ta' wara tiegħu?

Xhud: Ezatt. Pero pero mutur ma kienx fit-tarf tal-lane ta` din in-naħa, il-mutur kien f'nofs il-lane jien f'nofs il-lane kont qed insuq.

Avu: U inti kont qed issuq f`nofs il-lane?

Xhud: Go nofs il-lane.

Avu: U inti lil Bugeja rajtu jekk waqafx jew le biex jikser?

Xhud: Le le ma waqafx diga ghedt li ma waqafx Mario mkien ma hemm l-ebda li waqaf lanqas meta tajjarni ma waqaf ghax baqa` niezel iktar l-isfel u waqfuh in-nies. attwali ta' janimaw għax baqa' nieżel iktar l isfel. Huwa fuq in-nies.

Avu: Għax prova jibqa' sejjer prova jaħrab?

Xhud: Jista' jkun forsi ppanikja wkoll ma nistax nakkużah li jipprova jibqa' sejjer ikun ma nistax nagħmilha biċċa xogħol, imma waqaf fuq 200m l-bogħod minn fejn waqaft jien.

Avu: Inti kemm kont qed issuq velocita kemm kien qed isuq Bugeja?

Xhud: Ma nistax nkun naf kemm kien qed isuq Bugeja ma nistax inkun naf li kont naf zgur li Bugeja ma kienx ġej li tajt sparat ma kienx ġej ma nistax nakkużah li kien qed isuq ħafna li jgħamel Bugeja peró żied il-gass biex jipprova jidħol ġo triq qabel nasal jien miegħu pero mutur ma żżommux hekk.

Avu: Għaliex ma nżommux?

Qorti: Ghax mutur ma jieqafx mal-eqwwel.

Avu: Xejn iktar.

**<u>Mario Bugeja, xehed hekk:</u>**

Avu: Jekk jogħġbok sinjur spjega li l-Qorti inti minn fejn kont ġej il-fejn kont sejjer?

Xhud: Mela jiena kont qed insuq fi triq Fleur De Lys ġej direzzjoni mill-Imrieħel għal-Birkirkara bdejt biex nikser għal ġewwa triq Borg.

Avu: Tajjeb issa hemmhekk il-linja tat-triq hija wahda kontigwa maqsuma, spjega l-Qorti?

Xhud: Maqsuma.

Avu: Maqsuma issa tista' tispjega lill-Qorti x'kienet il-manuvra li inti għamilt? U x' ġara?

Xhud: Mela jiena qabel ksirt għal triq Borġ ħarist xgħelt l-indikator u qbadt ħa nikser għal ġo din it-triq kif kont

kważi għaddejt smajt ħoss kbir u ndunajt li intlaqat minn xi ħaġa fil-parti ta' wara.

Qorti: Din it-triq dritta jew fil-kurva kif inhi?

Xhud: Kurva fit-tul imma iktar li ghad-dritt.

Qorti: Allura ghaliex ma rajtux?

Xhud: Ma rajtux totalment quddiemi ovvjament kien hemm kien hemm jiġifieri traffiku miexi bil-mod.

Qorti: Imma hemm kien kieku ma dahalx fik.

Xhud: Lilu ma rajtux.

Avu: Inti meta gejt biex taqsam tajjeb jigifieri gejt biex tidhol fi triq Borg vetturi fid-direzzjoni opposta kien hemm jew ma kienx hemm?

Xhud: Iva kien hemm dak il-ħin huwa ħin it-traffiku, jiġifieri kien hemm vetturi.

Avu: Biex inti stajt tikser fi triq Borg tispjega. X'kien it-traffiku li kien hemm preżenti trid tixhed trid tgħid eżattament kif?

Xhud: Jiena kien hemm karozzi ġejjin mid-direzzjoni opposta tajjeb meta ndunajt jiena li l-karozzi ġejjin min-naħa l-oħra dehrli li jiena ksirt.

Avu: Issa inti għidt illi ħaristu, issa għadek kemm għedt meta drajt il-vetturi min-naħa opposta ċedieli għaddejt il-manuvra kif kienet tiegħek?

Qorti: Mhux qed nifhem din it-triq kemm hi wiesgħa?

Xhud: 2 lanes wahda tielgha u l-ohra niezla.

Qorti: Il-mutur minn fejn għadda allura inti ma tafx ma rajtux essaġġ imma fejn kien il-mutur meta laqtek jew lqattu?

Xhud: Viċin ħafna lejn in-nofs għax kieku jiena kont narah hux hekk.

Qorti: Allura jekk cedietlek karozza jekk dan kien fin-nofs kif laqtek?

Xhud: Ghax harigli minn bejniethom uu bilfors minn hemm  ma kellux post ieħor kif jgħaddi kieku kien jidħol fil-karozza.

Qorti: Jekk kien fion-nofs qed tghdili fin-nofs kien hemm il-karozza l-oħra kif qed tgħid int.

Xhud: Le le fin-nofs ta' bejn iż-żewġ linji qed ngħidu.

Qorti: Ok.

Avu: Jiġifieri inti għedt illi ġejt biex tikser għal triq Borg cedielek imbagħad seħħ l-inċident għandek xi ritratt x`tesebixxi dwar il-post fejn intlaqtet il-vettura tiegħek urieh lil l-ispettur mbagħad tgħaddiha lill-Qorti. Id-daqqa fil-vettura tieghek fejn kienet?

Xhud: Fuq in-naha ta` wara fil-genb.

Qorti: Ghamili cirku.

Avu: Tiftakar ta` liema ghamla kienet il-vettura li cedietlek?

Xhud: Ma niftakarx.

Avu: Meta inti ġejt biex tikser għal triq Borg u din il-vettura ċedietlek x`kien il-mod ta` kif ikkomunikajtu kif indunajt li cedielek?

Xhud: Ovvjament ħarisna lejn xulxin bażikament huwa għamilli sinjal li jiena nista' nagħddi.

Avu: X`sinjal imma?

Xhud: B`rasu.

Avu: Jiġifieri x'għamel b'rasu?

Xhud: Niżżel niżżel rasu.

Avu: Issa mbagħad kif smajt id-daqqa x'ġara?

Xhud: Dak il-ħin inħsadt ħafna jiena u wara ftit metri tfajt fil-ġenb tat-triq triq Borg u nżilt biex nara x'ġara għax totalment sa dak il-mument kont għadni ma fhimtx x' ġara jien kulma smajt huwa l-ħoss u indunajt xi ħaġa laqtitni.

Avu: Inti smajt x`qal li l-imputat l-ieħor qal illi waqqaft 200m x'għandek xi tgħid?

Xhud: Ma naħsibx li hemm daqshekk imma ma kienx ma waqafx qrib, jiġifieri kont taħt xokk.

Avu: Xejn aktar min-naħa tiegħi.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta car li l-incident de quo hu rizultat tas-sewqan ta Mario Bugeja li wera nuqqas ta' proper lookout meta kien diehel go triq lateral u ma harisx jew ma harisx sew biex jara li ma kienx hemm vetturi gejjin mill-karreggjata opposta. Bhekk l-imputazzjonijet fil konfront ta' Owen Mallia ma jirrizultawx.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 328 ( d)tal-Kap 9 u art 15(1)( a) (2) (3)tal-Kap 65 fil-L.S. 65.18Art 36(B) u fil-LS65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Owen Mallia mhux hati tal-imputazzjonijiet fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**